MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2033/2002

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**
**vs**

**Mark Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-26 t' Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm25.42), kwantu ghal tnejn u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm22.10) Royalty u tlett liri u tnejn u tletin centezmu (Lm3.32) Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja numru 011259 (Dok.A) rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment "Gearbox" San Giljan, ghall-perjodu mis-6 ta' Dicembru, 2001 sal-5 ta' Dicembru, 2002.**

**Is-socjeta' attrici tablet ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-28 ta' Frar, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Josette Attard li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm25.42) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Dicembru, 2001, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-28 ta' Frar, 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**